31 ta' Ottubru, 1944.

Imħallef :

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Harry Duck pr. et ne.** *versus* **Joseph Deidun et.**

**Elevazzjoni — Ċurkett Nuzjali — Mara —**
**Art. 1563 u 1569 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868.**

*Iċ-ċurkett nuzjali jappartjeni lill-mara jew lill-eredi tagħha.*

*Iċ-ċurkett nuzjali ma jiġix mogħti in konsiderazzjoni tal-valur tiegħu, imma bħala parti mill-istess rit nuzjali, simbolu ta' l-imħabba u fedeltà li l-konjuġi superstiti jkun jixtieq jikkonserva bħala memorja għażiża tal-konjuġi l-mejjet.*

*In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet iċ-ċurkett nuzjali ma għandux*

*ikun kolpit minn mandat ta' elevazzjoni li jiġi ottenut kontra l-mara.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi, wara li qalu illi b'mandat spedit minn dina l-Qorti fis-26 ta' Jannar 1914 ġew elevati l-flus u l-oġġetti ndikati fin-numri 2, 3, 4, 5, 6, 7, u 8, tar-riferta tal-marixxall unita maċ-ċitazzjoni; u li dawna l-flus u oġġetti huma ta' proprjetà tagħhom, għalkemm maqbuda in eżekuzzjoni tal-mandat spedit kontra l-imsemmija Concetta Deidun ad istanza ta' Joseph Deidun; talbu li jiġi revokat il-mandat fuq imsemmi in kwantu jirrigwarda l-oġġetti fuq imsemmijin indikati fin-numri 2, 3, 4, 5, 6, 7 u 8 tar-riferta fuq imsemmija; bl-ispejjeż:

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Mill-provi jirriżulta soddisfaċentement illi t-£8 indikati fin-numru 2 tar-riferta tal-marixxall, fuq imsemmija, huma ta' l-atturi ......... Għar-rigward taċ-ċrieket indikati fin-numru 3 tar-riferta, wieħed jappartjeni lill-atturi għax kien ta' missierhom; l-ieħor huwa ċ-ċurkett nuzjali ta' l-ewwel żwieġ tal-konvenuta Concetta Deidun. Dana ċ-ċurkett jappartjeni lill-konvenuta Concetta Deidun u lill-eredi tagħha, għaliex l-artikoli 1563 u 1569 ta' l-Ord. VII ta' l-1868 mhumiex applikabili għaċ-ċurkett nuzjali, li skond il-Kodiċi De Rohan (Lib. 3, Cap. 7, par. 13) jispetta lill-mara u lill-eredi tagħha; u l-Ordinanza ċitata għalkemm irrepetiet fl-imsemmijin artikoli d-dispożizzjonijiet tal-par. 14 u 15 ta' dak il-Kodiċi, mingħajr ma rripetiet anki d-dispożizzjoni tal-paragrafu 13, ma tistabbilixxi xejn iżda in kuntrarju. Ingħad fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-13 ta' Diċembru 1897, fil-kawża "Ciappara vs. Ciappara" (Vol. XVI, Parte II, paġ. 158), illi d-dispożizzjoni ta' dak il-Kodiċi mhix ħlief l-espressjoni tal-preżunta volontà tal-partijiet u r-rispett għall-bwoni kostumi; għaliex iċ-ċurkett nuzjali ma jiġix mogħti in konsiderazzjoni tal-valur tiegħu, imma bħala parti ta' l-istess rit nuzjali, simbolu ta' mħabba u ta' fedeltà li l-konjuġi superstiti ikun jixtieq jikkonserva bħala memorja għażiża tal-konjuġi l-mejjet. Appuntu għal dawna l-konsiderazzjonijiet il-Qorti tħoss però, li dana ċ-ċurkett nuzjali, indikat fin-numru 3, ma għandux jibqa' kolpit mill-mandat:

Kif jirriżulta mill-verbal fil-fol. 12, il-konvenut Joseph Deidun ma jinsistix fuq l-eċċezzjoni li l-atturi jmisshom talbu *r-revoka ta' l-eżekuzzjoni tal-mandat u mhux ir-revoka biss* tal-mandat;

Għall-imsemmijin raġunijiet;

Fil-kontumaċja tal-konvenuta Concetta Deidun,

Tiddeċidi għat-tenur tat-talbiet; iżda tordna illi l-ispejjeż jitħallsu minn għand il-konvenuta Concetta Deidun.

---